# Dr. Joseph Fenech B.A., LL.D
# 32 Sena President

L-avukat Joseph Fenech B.A., L.L.D., twieled Birkirkara fit-2 ta' April 1931. Hu kien wieħed mill-erba' ulied ta' l-Avukat Tumas Fenech u Aida nee' Mallia. Sas-sena 1972 huwa għex fi Fleur-de-Lys, Birkirkara fid-dar tal-ġenituri tiegħu u wara li żżewweġ lil Marlene nee' Ellul fl-1 ta' Mejju 1957 mar jgħix f'dar oħra fl-istess triq. Huwa kellu tlett itfal, Mark u Tonio llum it-tnejn avukati u lil Joanna llum miżżewġa lill-avukat Kenneth Grima.

Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-elementari mas-sorijiet ta' "St. Joseph", Raħal Ġdid u fl-1941 daħal il-kulleġġ ta' San Alwiġi Birkirkara fl-ewwel klassi ta' l-iskola sekondarja minn fejn l-ewwel qagħad għall-eżamijiet tal-Oxford School Certificate u wara għall-eżamijiet tal-Matrikola ta' Malta. Iż-żmien li għadda l-Kulleġġ l-avukat Fenech kien attiv ħafna fl-isports u kien jifforma parti mill-1st team tal-football tal-Kulleġġ. Kien attiv ħafna wkoll fl-organizzazzjoni ta' debates fuq suġġetti akkademiċi u fuq materji ta' attwalità. L-avukat Joe Fenech daħal l-Università f'Ottubru tas-sena 1948 fejn attenda korsijiet ta' l-arti u tal-liġi. Ħa d-diploma ta' Prokuratur Legali fil-1951 u ggradwa B.A. (Hons) fl-Ingliż f'Novembru 1952 u d-dottorat fil-liġi f'Novembru 1955. Fl-1954 fit-tliet xhur tas-sajf attenda kors ta' l-arti fl-Università Per Stranieri ta' Perugia. Fiż-żmien li kien fl-Università l-avukat Joe Fenech kien attiv ħafna f'kull qasam. Huwa kien attiv fl-isports u kien jilgħab il-football mat-team ta' l-Università u pparteċipa f'diversi dixxiplini oħra. Kien membru tal-Kunsill Rappreżentattiv ta' l-istudenti għal diversi snin u membru tal-Law Society. Fl-aħħar snin tal-kors hu kien ukoll membru tal-Malta Football Association u Viċi-President tal-Każin tal-Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara. Anki fiż-żmien li kien student kien interessat u attiv fil-politika u ħa sehem attiv fid-diversi kampanji elettorali tal-ħamsinijiet. Minn dak iż-żmien 'l hawn dejjem baqa' membru tal-kumitat tal-każin tal-banda jew fil-kariga ta' Viċi-President jew dik ta' President.




Fl-1955 l-avukat Joe Fenech beda jipprattika bħala avukat. Sal-1961 hu kien jipprattika mill-uffiċċju ta' missieru fi Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u minn uffiċċju f'High Street, il-Ħamrun. Mill-1961 'il quddiem kien jipprattika biss minn uffiċċju li kellu, fi Triq l-Ifran, Valletta. L-avukat Joe Fenech ħadem ħafna fid-diversi oqsma tal-liġi kemm dak kriminali, kummerċjali, kif ukoll dak ċivili u kien wieħed mill-avukati minn ta' quddiem fil-Qrati ta' Malta kien membru ta' l-"International Bar Association".

L-avukat Joe Fenech kien wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Żgħażagħ tal-Partit Nazzjonalista fil-bidu tal-ħamsinijiet, iżda meta nqala' tilwim fil-partit bejn Herbert Ganado u George Borg Olivier u ma setgħux jaslu għal kompromess fl-eqqel ta' Gvern Soċjalista fl-1957 u sar l-isplit, l-avukat Joe Fenech kien diżilluż ħafna bil-politiċi u nqata' għal xi żmien mill-ħajja politika u ddedika ruħu kompletament għall-professjoni. Fl-1966 avviċinah Dr. George Borg Olivier, tliet xhur qabel l-elezzjoni, u talbu jikkontesta l-elezzjoni f'isem il-partit Nazzjonalista. Hu aċċetta iżda f'dik l-elezzjoni ma telax fil-parlament iżda baqa' attiv wara u ħa parti fil-kumitat sezzjonali ta' Birkirkara, kif ukoll fl-eżekuttiv tal-partit. Ikkontesta l-elezzjoni tal-1971 u reġa' ma ġiex elett, u ġie appuntat membru tal-Awtorità tax-Xandir ta' Malta kif ukoll membru fuq il-kunsill ta' l-Università. Fl-elezzjonijiet tal-1976 l-avukat Joe Fenech ġie elett fil-parlament u kien attiv ħafna fl-organizzazzjoni tal-partit. Ħa f'idejh ir-responsabbiltà biex isib il-flus u jibni l-Kwartieri Ġenerali tal-partit fuq il-biċċa art li kien hemm tmiss ma' l-istamperija li kien bena l-avukat Karmenu Caruana. L-avukat Joe Fenech kien sab diversi sponsors li kkontribwew il-flus kollha biex inbnew il-Kwartieri Ġenerali, min ikkontribwixxa flus u min materjal. Il-kuntrattur kien Rowie Portanier li miet ftit xhur wara li beda x-xogħol. L-avukat Fenech żamm il-ħaddiema u l-għodda ta' Portanier u kompla x-xogħol tal-bini sakemm spiċċa. Fl-1980 ġew inawgurati l-Kwartieri Ġenerali tal-partit, mill-kap il-ġdid Dr. Edward Fenech Adami. L-avukat Joe Fenech pparteċipa f'diversi delegazzjonijiet tal-partit f'pajjiżi barranin bħall-Italja, Strasbourg u China. Hu kien jgħin lil Dr. George Bonello Dupuis it-teżorier tal-partit fil-ġbir ta' fondi għall-Elezzjonijiet Ġenerali.

Fl-1986 l-avukat Joe Fenech reġa ġie elett fil-Parlament u sar Segretarju Parlamentari għall-Affarijiet Marittimi u Attivitajiet Offshore. Huwa kellu r-responsabiltà li jġib 'il quddiem is-servizzi marittimi u li jikkrea mill-pajjiż Ċentru Finanzjarju Internazzjonali. Fil-fatt aġġorna u emenda adegwatament il-liġi Marittima. Taħt il-Ministeru ta' l-avukat Joe Fenech saret il-Yacht Marina Internazzjonali ta' l-Imsida. Ir-reġistrazzjoni tal-vapuri qabżet minn 1.8 miljun tunellata għal 12-il miljun tunellata, u llum Malta tinsab is-sitt l-ikbar reġistru ta' vapuri fid-dinja; kabbar il-mollijiet fil-Port il-kbir u beda jħajjar Cruise Liners jiġu Malta u jagħmlu l-Port il-Kbir il-home port tagħhom. Fassal il-pjanti għall-Passenger Terminal billi kkonverta Pinto Stores f'terminal għall-passiggieri tal-baħar u organiżża x-xogħol tal-port billi għamel kategorija waħda mill-ħaddiema tal-port. F'dan iż-żmien sawwar il-liġi tal-Offshore biex iħajjar istituzzjonijiet finanzjarji, banek u investituri jużaw Malta bħala bażi "offshore" għall-attivitajiet finanzjarji u ta' negozju tagħhom. Malta bil-pożizzjoni ġeografika tagħha, bl-iżvilupp teknoloġiku li għamlet fil-mezzi ta' komunikazzjoni bil-vantaġġi fiskali u riżorsi umani kwalifikati, kif ukoll minħabba l-ftehim li kellha ma' diversi pajjiżi dwar it-taxxa doppja kienet toffri kundizzjonijiet favorevoli u eċċellenti għal diversi investituri mid-dinja kollha. Fl-1992 l-avukat Joe Fenech reġa' ġie elett fil-Parlament u ġie nominat Ministru tal-Ġustizzja u dam Ministru tal-Ġustizzja sa April tal-1995, meta kien sar reshuffle u ma baqax Ministru. Il-perjodu ta' Dr. Fenech bħala Ministru tal-Ġustizzja jibqa' mfakkar għar-riforma radikali li saret fil-liġi tal-proċedura u għall-arbitraġġ biex Malta ssir Ċentru Internazzjonali ta' Arbitraġġ.

Wara li spiċċa minn Ministru l-avukat Joe Fenech baqa' membru tal-parlament u ġie nominat mill-Kamra tad-deputati, bħala Chairman tal-Kumitat tal-Kamra dwar l-abbozzi tal-liġijiet. Hu ġie nominat membru ta' l-Assemblea tal-Kunsill ta' l-Ewropa fejn kien attiv ħafna fuq diversi Kumitati ta' l-Assemblea. Meta spiċċa minn Ministru rritorna fl-uffiċċju legali tiegħu bħala avukat flimkien ma' uliedu, u diversi avukati oħra fid-ditta legali Fenech & Fenech Advocates. Huwa ma kkontestax l-elezzjoni tal-1996 u reġa ddedika ruħu għall-professjoni l-iktar bħala konsulent fuq xogħol ta' natura internazzjonali, fuq xogħol marittimu finanzjarju u kumpaniji. Matul dan iż-żmien hu baqa' attiv fis-Soċjetà Każin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own fejn kien jokkupa l-kariga ta' President għal 32 sena sħaħ. Dr. Joseph Fenech ħalla din id-dinja u mar jiltaqa mal-Mulej fl-24 ta' Marzu 2005. L-aħħar tislima li ngħata minn martu, uliedu, u l-familja tiegħu, mill-Kumitat u membri u għadd kbir ta' ħbieb kienet fid-29 ta' Marzu 2005 akkumpanjat mill-Banda Duke of Connaught's Own b'korteo minn ħdejn il-każin sal-Kolleġġjata Bażilika Elenjana.